

32006L0047

L 136/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.5.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/47/KE**tat-23 ta' Mejju 2006****li tistipula kundizzjonijiet speċjali rigward il-preżenza tal-*Avena fatua* fiż-żrieragħ taċ-ċereali****(Verżjoni kkodifikata)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [ċereali]¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 74/268/KEE tat-2 ta' Mejju 1974 li tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali dwar il-preżenza ta' *Avena fatua* fi pjanti għall-għalf u f'żerriegħa taċ-ċereali² ġiet emendata sostanzjalment³. Għal iktar ċarezza u razjonalità, id-Direttiva msemmija għandha tiġi kkodifikata.
- (2) Id-Direttiva 66/402/KEE stipulat tolleranzi fir-rigward tal-preżenza tal-*Avena fatua* fiż-żrieragħ taċ-ċereali.
- (3) Jidher li dawn it-tolleranzi huma għoljin wisq fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti. Konsegwentement, id-Direttiva 66/402/KEE tipprovdi għal marketing addizzjonali fil-każ taż-żrieragħ li jikkonformaw ma' kundizzjonijiet speċjali rigward il-preżenza tal-*Avena fatua*.
- (4) Il-kundizzjonijiet speċjali stipulati f'dan ir-rigward huma tali li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti filwaqt li jqisu wkoll il-possibiltajiet għall-produzzjoni u l-kontroll taż-żrieragħ.

¹ ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2309. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).

² ĠU L 141, 24.5.1974, p. 19. Id-Direttiva emendata bid-Direttiva 78/511/KE (ĠU L 157, 15.6.1978, p. 34).

³ Ara l-Anness I, il-Parti A.

- (5) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal Propagattiv għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Forestrija.
- (6) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, il-Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom joħroġu, fuq talba, iċ-ċertifikat uffiċjali pprovdut fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 66/402/KEE;

(a) jekk il-wiċċ tar-raba' jkun ħieles mill-*Avena fatua* fil-ħin li ssir spezzjoni uffiċjali tal-għalqa mwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I għal dik id-Direttiva, u jekk kampjun ta' tal-anqas 1 kg, meħud skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva, ikun ħieles mill-*Avena fatua* fil-waqt tal-eżami uffiċjali; jew

(b) jekk kampjun ta' tal-anqas 3 kg, meħud skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva, ikun ħieles mill-*Avena fatua* fil-waqt tal-eżami uffiċjali.

Artikolu 2

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jinħareġ biss f'każ wieħed mit-tnejn provduti fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Id-Direttiva 74/268/KEE, kif emendata bid-Direttivi mniżżla fl-Anness I, il-Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, il-Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehimu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I**PARTI A**

Id-Direttiva mħassra flimkien mal-emendi tagħha	
(imsemmija fl-Artikolu 3)	
Id-Direttiva tal-Kummissjoni 74/268/KEE	(ĠU L 141, 24.5.1974, p. 19)
Id-Direttiva tal-Kummissjoni 78/511/KEE	(ĠU L 157, 15.6.1978, p. 34)

PARTI B

Lista ta' limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali	
(imsemmija fl-Artikolu 3)	
Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
74/268/KEE	l-1 ta' Lulju 1980
78/511/KEE	l-1 ta' Lulju 1980

ANNEX II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI	
Id-Direttiva 74/268/KEE	Din id-Direttiva
l-Artikolu 2(1), formolazzjoni introduttiva	l-Artikolu 1, formulazzjoni introduttiva
l-Artikolu 2(1), l-ewwel inċiż	l-Artikolu 1(a)
l-Artikolu 2(1), it-tieni inċiż	l-Artikolu 1(b)
l-Artikolu 3	l-Artikolu 2
l-Artikolu 4	—
—	l-Artikolu 3
—	l-Artikolu 4
l-Artikolu 5	l-Artikolu 5
—	l-Annessi I-II